## MUSBIEĦ IL-LEJL

Ix-xemx thenni dinja sħiħa,
B'dawlha taħkem il-ħolqien,
Għalkemm kbira, għalkemm sbejħa,
Ma tarax li nara jien.

Fid-djar kbar tal-għonja tidħol,
Tara l-ħajr fuq ħafna wċuħ,
Tbus ħaddejn imwarrda w ħelwa,
Tbus f'waqt wieħed mitt elf ruħ.

Hi li tħaddan wiċċ il-baħar
Meta l-mewġ jimla w jifrigħ;
Ħajja tnissel fuq il-ħdura,
Fuq il-ward tal-ġonna sbieħ.

U f'xi sptar fejn nies marida,
Imxennqin, jitolbu s-serħ,
Taf iż-żiegħel, tnessi n-niket,
Tiftaħ għajn ta' riżq u ferħ.

'Ma b'daqshekk, bil-ġmiel ta' ġmielha,
Ma tarax li nara jien:
Ngħix ġo ħofra f'saltna mdallma,
Dlam mad-dwar, dlam kullimkien.

U minn hemm b'għajn ċkejkna ngħasses
Żewġt iqlub fl-art mimdudin:
Rajthom f'ġenn qegħdin jitbewsu,
Rajthom f'seħer imgħannqin,

U minn fommhom smajt il-kelma
Fil-baħħ kbir imriegħda ddub,
Min qatt jista' l-ġibda jfisser,
Ġibda u rabta f'dawk il-qlub?

Kbira w sbejħa x-xemx. B'dijitha
Timla l-wisa' tal-ħolqien,
'Ma fis-skiet ta' filgħaxija,
Fl-ogħla saltna tal-ħolqien,

Waħdi ngħarrex fejn żewġ żgħażagħ
Ħalfu għaqda mingħajr tmiem;
Qalbi nixgħel fid-dlam qabri,
Waħdi ngħix f'saltna ta' sliem.

Gużè Chetcuti.

## IL-MALTI

Il-ħsieb ta' dir-rivista hu:

li xxerred il-letteratura maltija

li taqbeż għall-jedd li għandu l-Ilsien Malti, u turi ġmielu u ħtiġietu

li tnissel ġibda u mħabba għall-kultura tabilħaqq maltija

li tagħmel il-qalb lill-kittieba tagħna

li tħarreġ lill-Maltin fil-qari tajjeb u fejjiedi bil-malti.

Għinu fit-tixrid ta' dir-rivista li tul ħajja ta' sbatax il sena ma ratx ħlief mewġ qawwi ta' mibegħda u ta' taħbit — imma fl-aħħar rebħet.

Min ikun irid xi tagħrif, jikteb lis-Segretarju, Empire Press, il-Belt.